MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 266/2013

**MarStef & Co. Limited [C 41273]**

**u**

**Stephan u Maria konjugi Schaerrer**

**vs**

**Mario Grixti u Dolores Vella Grixti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tal-atturi kif pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Settembru 2013 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom is-somma ta' hamest elef, tlett mija u ghoxrin ewro (€5,320), rapprezentanti ammont ta' flus depozitati fil-kont taghhom, jew min minnhom, rapprezentanti l-hlas illi huma, jew min minnhom kellhom konsegwentement ihallsu lil Angelo Muscat in relazzjoni ma' xoghol maghmul mill-istess Angelo Muscat fil-proprjeta' 17/22, Triq Kromb il-Bahar, Gharghur, proprjeta' tal-atturi u liema hlas huma baqghu qatt ma ghamlu lill-istess Angelo Muscat kif suppost huma, jew min minnhom, kellhom jaghmlu u minflok approprjaw l-istess ammont ghalihom b'mod indebitu u llegali.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' meta sar il-hlas lilhom, u bl-ispejjez tal-ittra ufficcjali tas-26 ta' Awissu 2013, debitament notifikata (Dokument B).

Rat ir-risposta tal-konvenuta Dolores Vella Grixti li giet prezentata fit-22 ta' Ottubru 2013 fejn eccepiet:

1. *"Illi fl-ewwel lok, u in linea preliminari, jigi eccepit illi l-esponenti m'hijiex il-legittimu kontradittur tal-kawza odjerna u dana stante illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejna u bejn l-atturi;*

2. *Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi tirrigwarda rifondiment ta' flus fl-ammont ta' €5,320.00 mill-konvenuti lejn l-atturi u/jew lejn terzi persuni in relazzjoni ma' xoghol maghmul minn Angelo Muscat fil-propjeta' 17/22 Triq Kromb il-Bahar, Gharghur;*

3. *Illi l-esponenti hija oht Mario Grixti, konvenut maghha f'din il-kawza;*

4. *Illi l-esponenti tiddikjara illi hija qatt ma kellha konnessjoni mas-socjeta' attrici MarStef and Co. Limited jew mal-atturi l-ohra. Hija qatt ma kkuntattjat jew tkellmet ma' l-atturi u l-anqas ma taf min hu Angelo Muscat;*

5. *Illi l-esponenti tiddikjara illi hija impjegata ma' kumpanija, u hekk dejjem kienet, u li qatt ma kienet involuta fin-negozju ta' huha Mario jew f'xi negozju ma' l-atturi;*

6. *Illi Mario Grixti kien gieli uza l-kont ta' l-esponenti sabiex jircievi flus fil-kont bankarju personali taghha liema flejjes hija kienet tirrifondilu lura;*

7. *Illi l-esponenti tirrileva li hi qatt ma tista' tkun debitrici ta' l-atturi kemm fl-ammont stipulat, u cioe' ta' €5,320, kif ukoll f'kull ammont iehor li qatt jista' jintalab;*

8. *Illi a bazi ta' dan l-istess mertu, l-esponenti ma tistax tifhem is-sustanza tal-vertenza ta' l-atturi kontra taghha u ghalfejn sussegwentament giet intavolata din il-kawza kontriha;*

9. *Illi ghalhekk it-talbiet attrici in kwantu jirrigwardaw lilha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li ma jezisti l-ebda debitu min-naha taghha lejn l-atturi;*

10. *Illi l-esponenti qieghda tirrespingi bil-qawwa kollha l-pretensjonijiet kollha kontriha u dan peress illi huwa assolutament inveritier illi hemm xi ammont dovut minnha favur l-atturi.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Ivan Spiteri Bianchi datata 5 ta' Dicembru 2013 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tal-atturi, fil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta (fol. 16 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat bir-rikors promotur permezz ta' publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-12 ta' Dicembru 2013 (fol 15) u fil-gazzetta lokali The Independent nhar it-8 ta' Mejju 2014 (fol 22).

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2014 xehdet Maria Dolores Vella Grixti li kkonfermat illi l-flejjes tas-socjeta' attrici vera gew depozitati fil-kont taghha u li sussegwentement hija rtirathom u ghaddiethom lil Mario Grixti ghalkemm ma ftakritx kemm kien l-ammont.

Illi fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2014 hija regghet xehdet u pprezentat dokument X fejn juri li l-ammont ta' sitt elef, tlett mija u sebghin ewro (€6,370.00) kien depozitat nhar l-10 ta' Awwissu 2012 fil-kont numru 10204427013 u l-istess ammont giet irtirata minnha fis-17 ta' Awissu 2012.

Illi fl-istess jum tal-25 ta' Gunju 2014 is-socjeta' attrici pprezentat nota b'dokument li gie mmarkat Dok. Z li jindika t-transfer tas-somma ta' sitt elef, tlett mija u sebghin ewro (€6,370.00) li sar mill-attrici Maria Schaerrer Busuttil fil-kont Savings tal-konvenuta Doris Vella Grixti maghrufa bhala Maria Dolores.

Illi fil-25 ta' Gunju 2014 l-atturi pprezentaw nota ta' cessjoni fil-konfront ta' Dolores Vella Grixti ghalkemm talbu li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2014 il-konvenut Mario Grixti gie msejjah izda ma deherx, biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tal-atturi pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut Mario Grixti dakinhar tal-25 ta' Gunju 2014.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2014, il-konvenut Mario Grixti ma deherx ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tal-atturi jghid li d-debitu ghadu dovut mill-konvenut Mario Grixti, issib li t-talba tal-atturi tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut Mario Grixti jhallas lill-atturi s-somma ta' hamest elef tlett mija u ghoxrin ewro (€5,320) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra**

**ufficjali tas-26 ta' Awissu 2013 kontra l-konvenut Mario Grixti u bl-imghax dekorribbli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali gia msemmija u tillibera lill-konvenuta Dolores Vella Grixti mill-osservanza tal-gudizzju stante n-nota ta' cessjoni prezentata mill-atturi fil-mori tal-kawza.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------